# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2023**

**Rik. Nru. 1441/23JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1441/23 fl-ismijiet:

Josephine **GALEA**, John Tanti, Marcon Cutajar, Jessica Pulis, Antoine Cutajar u Frederick Pulis

vs

Joseph **SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Awwissu, 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimat milli "jeżegwixxi kull forma ta' xogħlijiet partikolarment dawk strutturali ta' kwalunkwe tip u forma fuq dik il-parti ta' ċirka **disa' mija u tmienja u tletin punt disgħa u erbgħin metru kwadru (938.49sqm)** formanti parti mill-għalqa akbar ta' ċirka ħamest elef metru kwadru (5000sqm) fejn il-parti in kwistjoni fil-limiti ta' Birżebbuġia kif indikata aħjar fuq il-pjanti annessi … u magħrufa bħala

'*L-Għalqa ta' Qamru*' .. u dan ladarba r-rikorrenti huma proprjetarji ta' din l-għalqa, fejn l-ntimat mingħajr ebda titolu fuq l-istess proprjetà qiegħed jokkupa illegalment biċċa minn din l-art u qiegħed jagħmel tali xogħlijiet strutturali mingħajr permess mir-rikorrenti u mingħajr permessi maħruġin mill-Awtoritajiet kompetenti";

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Awwissu[1], 2023, li bih ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tad-29 ta' Awwissu, 2023;

Rat li l-intimat laqa' n-notifika tal-atti tal-Mandat fl-20 ta' Settembru, 2023[2];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-2 ta' Ottubru, 2023, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li l-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat għaliex ma jeżistux il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu. Żied jgħid li hu sid l-art li dwarha ntalab il-ħruġ tal-Mandat u li r-rikorrenti lanqas mad-daqqa t'għajn ma wrew kif huma sidien dik l-art. Minbarra dan, ix-xogħlijiet ta' tiswija tal-"ħitan tas-sejjieħ" saru kollha fuq ħwejġu u, fuq kollox, l-istess xogħlijiet intemmu qabel intalab il-ħruġ tal-Mandat. Huwa jgħid li, għajr għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-imsemmija ħitan ma kien se jagħmel xejn aktar fl-art li dwarha r-rikorrenti talbu l-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2023;

Rat l-atti tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2023, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimat milli jagħmel xi xogħlijiet fuq qasam art fil-limiti ta' Birżebbuġa, li huma jgħidu li hija ħwejjiġhom. Għalkemm ifissru liema hija l-art li dwarha jridu li jinħareġ il-Mandat[3], u li l-intimat "qiegħed jokkupa illegalment", jindikaw li x-xogħlijiet li huwa "beda jeżegwixxi" jikkonsistu f'titligħ ta' ħitan tal-ġebel tal-franka li fil-

[1] Paġ. 85 tal-atti
[2] Paġ. 90 *tergo* tal-atti
[3] Dokti "JG2", "JG3", "B" u "JGA" f'paġġ. 4, 5, 105 sa 110 u 141 – 2 tal-atti

wiċċ u f’xi ġnub tagħhom inksew b’ġebel tas-sejjieħ[4] b’fetħa għal rampa li tagħti għal fuq art moxa mbattma;

Tqis li l-kwistjoni tat-titolu tal-art li dwarha r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ tal-Mandat tinsab, għall-anqas għal parti minnha, determinata b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Ġunju, 2022, f’kawża bejn l-istess kontendenti tallum[5], u li llum tifforma ġudikat bejniethom;

Tqis li madankollu, r-rikorrenti nfushom jgħidu li parti mill-art li dwarha jitolbu l-ħruġ tal-Mandat taqa’ ’l barra mil-limiti tal-art li dwarha l-imsemmija sentenza ddeterminat min huwa sidha[6];

Tqis li, mill-provi dokumentali mressqa quddiem il-Qorti, ix-xogħlijiet li minnhom jilmintaw ir-rikorrenti saru kollha f’dik il-parti mill-art li, bl-imsemmija sentenza, instab li hija ġid tal-istess rikorrenti[7];

Tqis li, minn dak li joħroġ mid-dokumenti mressqa mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur tagħhom, it-titligħ tal-ħitan u l-formazzjoni tar-rampa kien diġà għaddej minn żmien qabel ma tressaq ir-rikors u dan jinsab konfermat ukoll minn ċertifikat maħruġ minn perit imqabbda mill-intimat li juri li, sa qabel ma laqa’ n-notifika tal-atti, ix-xogħol li minnu jilmintaw ir-rikorrenti kien twettaq;

Tqis għalhekk li, safejn jirrigwarda l-imsemmija xogħlijiet, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa’ għaliex huwa magħruf li l-Mandat ta’ Inibizzjoni ma jiswiex biex iwaqqaf milli ssir xiħaġa li tkun diġà twettqet qabel ma jintalab il-ħruġ tiegħu[8];

Tqis li għalhekk ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista’ tilqa’ t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub f’dan ir-rigward u dwar dan l-ilment tar-rikorrenti;

Tqis li mill-atti ma ntweriex li l-intimat talab jew fi ħsiebu jagħmel xi xogħlijiet oħrajn;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-jeddijiet mad-daqqa t’għajn tagħhom, ir-rikorrenti jindikaw biss li l-art li l-intimat wettaq ix-xogħlijiet hija ġid tagħhom u li hu daħal fi ħwejjiġhom bla ebda jedd;

[4] Dokti “JG4” sa “JG6” u “B”, f’paġġ. 6 – 8, 105 sa 110 tal-atti
[5] Rik. Nru. 226/16FDP maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-22.6.2022
[6] Arta Dokti “JGA” u “JGB” f’paġġ. 141 – 2 tal-atti
[7] Ara Dok. “Ċ” f’paġ. 111 tal-atti
[8] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

Tqis li, safejn it-titolu tar-rikorrenti huwa llum il-ġurnata determinat b'sentenza li saret ġudikat, ma huwa meħtieġ il-ħruġ tal-ebda Mandat biex iżomm lill-intimat milli ma jagħmel xejn fi ħwejjeġ ħaddieħor. Ir-rikorrenti għandhom rimedju effettiv biex, bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv miksub minnhom bl-imsemmija sentenza, iħarsu l-jeddijiet tagħhom u jitolbu r-rimedji meħtieġa jekk kemm-il darba l-intimat wettaq xiħaġa fi ħwejjiġhom bla jedd;

Tqis li, safejn il-jedd tar-rikorrenti għall-art li taqa' 'l barra minn dik il-parti li dwarha kienet titratta s-sentenza msemmija, il-proċeduri tal-Mandat m'humiex il-mod kif wieħed jistabilixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn, aktar u aktar fejn jidħlu jeddijiet petitorji;

Tqis li t-tfittxija tal-jedd mad-daqqa t'għajn trid issir b'mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta' jedd li l-parti rikorrenti tista' tinvoka b'azzjoni u li tista' tinforza kontra l-parti intimata, u mhux sempliċement billi tressaq 'il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[9], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat[10];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub u dan għaliex ma jirriżultawx ippruvati l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

---

[9] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[10] Ara. P.A. JZM **16.6.2015** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Anthony Vassallo vs Manuel Baldacchino***